MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 52 – 3 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 09 ta' Settembru 2021**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' kemm fil-Bini Amministrattiv fi 395, Triq il-Vitorja Ħal Qormi, kif ukoll b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Qrendi | Is-Sur David Michael Schembri |
| Sindku Żurrieq | Is-Sa Rita Grima |
| Kunsillier Ħal Safi | Is-Sur Mark Cocker |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |

| | |
|---|---|
| Viċi Sindku Ħaż-Żebbuġ | Is-Sur Mark Camilleri |
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Ħal Kirkop | Is-Sur Terence Agius |
| Sindku Mqabba | Is-Sur Omar Farrugia |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Viċi Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Sindku Siġġiewi | Is-Sur Dominic Grech |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti

Il-President  is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 52.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

52.1.1 Il-President informa li rċieva ittra ta' apoloġija mill-Viċi Sindku ta' Birżebbuġa fejn ta r-raġuni għaliex ma setax jattendi.

52.1.2 Il-Membri preżenti approvaw l-apoloġija tal-Viċi Sindku ta' Birżebbuġa.

## 52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

52.2.1 Il-President ressaq il-minuti tal-wieħed u ħamsin (51) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li ġew iċċirkolati  minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

52.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sa Rita Grima u ssekondata mis-Sur David Michael Schembri, il-Membri Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-minuti msemmija.

## 52.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Kwarta Tajba 2021**

52.3.1 Il-President qal li dan il-festival li ttella' mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar għall-ewwel darba jidher li kien suċċess għalkemm kellu jsir b'konformità mar-restrizzjonijiet tal-pandemija. Il-kummenti u l-feedback li rċieva kienu kollha pożittivi u jidher li hemm interess qawwi li dan l-avveniment jerġa' jittella s-sena li jmiss. Il-President rringrazzja lill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ li kkollabora fl-organizzazzjoni u ospita dan il-festival u wera d-diżappunt tiegħu għan-nuqqas ta' attendenza minn uħud mill-Membri tal-Kunsill Reġjonali.

**- Ilment dwar is-servizz mogħti mill-kuntrattur tal-manutenzjoni tad-dwal fit-toroq**

52.3.2 Il-President irrefera għall-ilment imressaq mis-Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ dwar dan is-servizz u qal li ma daħal l-ebda lment mill-Kunsill Lokali ta' din il-lokalità dwar dan. Għaldaqstant, jidher li kien hemm xi diżgwid bejn iż-żewġ naħat li ġie riżolt mingħajr ebda diffikultà.

**- Inizjattiva biex tiġi indirizzata l-problema ta' rimi ta' skart illegali**

52.3.3 Il-President semma' kif ir-rondi fil-postijiet indikati mill-Kunsilli Lokali bdew isiru u nħareġ l-ewwel rapport bil-kontravenzjonijiet li nħarġu fil-lokalitajiet. Is-Sur Nicholas Spiteri qed jagħmel użu minn software li permezz tiegħu kull Kunsill Lokali jkollu d-data miġbura kull xahar. Din id-data qed tintbagħat lil kull Kunsill lokali u kull Membru fil-Kunsill Reġjonali sabiex ikun infurmat bl-andament ta' din l-inizjattiva. Matul ix-xahar ta' Awwisu nħarġu 129 kontravenzjoni relatati mal-iskart u l-aktar ammonti nħarġu fil-lokalitajiet ta' Ħal Qormi, il-Ħamrun, Ħal Luqa, Ħaż-Żebbuġ u Birżebbuġa.

**- Uffiċjali professjonali mal-Kunsill Reġjonali**

52.3.4 Il-President qal li t-tliet uffiċjali professjonali li ġew ingaġġati mal-Kunsill Reġjonali issa bdew jaħdmu u sejrin tajjeb. Saru xogħlijiet fil-bini amministrattiv biex jiġu akkomodati dawn l-uffiċjali, kif ukoll l-uffiċjali l-oħra li se jiġu ngaġġati fil-jiem li ġejjin. Fil-fatt id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali ħarġet sejħa pubblika għall-pożizzjonijiet tal-uffiċjali professjonali li għadhom ma ġewx mimlijia u din għadha kemm għalqet. L-iskrutinju tal-applikazzjonijiet u l-ewwel intervista mal-applikanti se jsiru mid-DLG. Wara, dawn jgħaddulna l-lista bil-kandidati prospettivi, l-istess kif kien ġara fil-każ preċedenti, u l-għażla finali ssir mill-Kunsill Reġjonali.

**- Laqgħa ma' kandidat prospettiv għall-President u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tal-Punent**

52.3.5 Il-President informa li matul il-jiem li għaddew l-Aġent Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tal-Punent talbet laqgħa mal-President u s-Segretarju Eżekuttiv biex titlob informazzjoni fuq il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar, għar-raġuni li sebgħa Kunsilli Lokali minn dan ir-reġjun se jkunu qed jingħaqdu mar-reġjun il-ġdid tal-Punent. Din il-laqgħa saret fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar u għaliha attendew l-Aġent Segretarju Eżekuttiv u kandidat prospettiv għall-presidenza tar-Reġjun tal-Punent, kif ukoll il-President u s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar. F'din il-laqgħa, l-President tar-Reġjun tan-Nofsinhar wiegħed li l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar se jkun qed jagħti l-għajnuna tiegħu lir-Reġjun tal-Punent sabiex dan ikun jista' jaqbad ir-ritmu fil-ħidma tiegħu mingħajr diffikultajiet. Hu qal li se jkun lest anke li jaħdem b'mod konġunt mar-Reġjun tal-Punent fuq diversi proġetti għall-ġid tal-komunitajiet f'dawn ir-reġjuni.

**- Festa Nar 2021**

52.3.6 Il-President ħabbar li kien sar ir-risk assessment għal din l-attività u l-Kunsill Reġjonali rċieva n-no objection mill-Awtorità tat-Turiżmu. L-attività se ssir fl-Imqabba u l-wirjiet se jiġu mqassma fuq jumejn, fit-18 u d-19 ta' Settembru 2021. Mhux se jkunu qed jingħalqu toroq waqt l-ispettaklu, imma se jkun hemm numru sostanzjali ta' Uffiċjali tal-Komunità biex jikkontrollaw it-traffiku u jaċċertaw li ma jinġabrux folol fl-inħawi fejn se jinħaraq in-nar. It-23 għaqda tan-nar li se jkunu qed jieħdu sehem se jkunu qed jitħallsu l-kumplament tal-ħlas miftiehem skont il-kuntratt li sar fl-2020, wara li dan l-avveniment kien ġie pospost.

**- Fondi pendenti mill-Kunsill Reġjonali**

52.3.7 Il-President reġa' għamel referenza għall-fondi pendenti mill-Kunsill Reġjonali u li għadhom ma ġewx mitluba mill-Kunsilli Lokali, filwaqt li fakkar li dawn se jkunu qed jiġu nulli fit-30 ta' Settembru 2021. Hu saħaq li t-talbiet se jintlaqgħu sad-29 ta' Settembru 2021 u wara din id-data mhux se jiġu aċċettati.

**- Attività annwali tal-Milied mill-Kunsill Reġjonali**

52.3.8 Il-President qal li bħal ma għamel is-sena li għaddiet fiż-Żurrieq, il-Kunsill Reġjonali qed jaħseb biex jerġa' jorganizza l-attività annwali tal-Milied bil-kollaborazzjoni ta' xi Kunsill Lokali mir-Reġjun. Għaldaqstant hu stieden lill-Membri preżenti biex jibagħtu proposti bil-miktub b' attivitajiet fil-lokalità tagħhom bħal xi kunċert jew attività simili għal żmien il-Milied. L-attività għandha tippromwovi t-talent u l-kultura lokali.

**- Kummenti**

52.3.9 Fil-ħin allokat għall-kummenti, is-Sur Josef Masini Vento faħħar l-iskema ta' rondi ta' sorveljanza għax qal li f'Ħal Qormi ġie nnutat nuqqas ta' rimi ta' skart illegali. Hu qal li l-kelma qed tiġri fost ir-residenti dwar dawn is-sorveljanzi u huma wkoll qed joqogħdu aktar attenti biex joħorġu l-iskart domestiku fil-ħin u skont kif titlob l-iskeda.

52.3.10 Is-Sur Darren Abela talab li jiġu riveduti l-ħinijiet tar-rondi li qed isiru f'Ħal Għaxaq għax dawn mhux qed isiru fil-ħinijiet mitluba. Hu qal ukoll li ma jaqbilx mal-multi li qed jingħataw għax min jinqabad jarmi skart goff b'mod illegali u min jinqabad joħroġ il-borża tal-iskart domestiku mhux kif suppost qed jingħataw l-istess multa.

51.3.11 Il-President qal li l-għan prinċipali ta' din l-inizjattiva hu li jiżgura aktar indafa fil-lokalitajiet tar-Reġjun. Dawk il-Kunsilli Lokali li jridu jirrevedu r-rondi tagħhom għandhom jagħmlu kuntatt mas-Sur Nicholas Spiteri. Il-kontravenzjonijiet li jinħarġu huma dawk elenkati fil-liġi u fuq rimi ta' skart hemm dik il-multa. Dawk li jingħataw ċitazzjoni jistgħu jmorru fit-Tribunal Lokali u jikkontestawha jekk jaħsbu li kienet inġusta magħhom. Hu saħaq li ma jiddispjaċihx li l-Kunsill Reġjonali qed joħroġ il-flus biex jgħin lill-Kunsilli Lokali jżommu l-lokalità tagħhom aktar nadifa, imma biex din l-inizjattiva tkun suċċess jeħtieġ ħidma konġunta u kooperazzjoni min-naħat kollha.

## 52.4 Skeda ta' Pagamenti;

52.4.1 Il-President ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 09/21A-1 u 09/21B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

52.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur David Michael Schembri u ssekondata mis-Sa Rita Grima, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskedi ta' pagamenti msemmija.

## 52.5 MOU Bejn il-LESA u l-Kunsill Reġjonali;

52.5.1 Il-President ressaq MOU li ntbagħat mill-Aġenzija LESA, li ġie ċċirkolat mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġie kkunsidrat bħala moqri, sabiex jiġi ffirmat mill-Kunsill Reġjonali. Hu spjega li fih hemm lista ta' servizzi u spejjeż li jsiru mill-Kunsill Reġjonali għall-amministrazzjoni tat-Tribunal Lokaliu l-persentaġġi li l-Aġenzija LESA se tkun qed tagħti rimbors tagħhom. F'dan il-MOU hemm ukoll indikat li l-Aġenzija LESA se tkun qed tirrimborsa biss is-salarju tar-Reġistratur, Deputat Reġistratur u Assistent Skrivan. L-ebda membru ieħor mill-istaff mhu se jkollu s-salarju tiegħu rimborsat. Matul il-jiem li ġejjin se jibda x-xogħol mill-istaff amministrattiv u l-accountant biex jiġu kkalkulati l-ispejjeż li saru fuq l-amministrazzjoni tat-Tribunal. Hu talab għall-qbil tal-Membri biex jiġi ffirmat dan l-MOU.

52.5.2 Il-Membri preżenti ddiskutew dan l-MOU. Huma qablu li jiġi ffirmat l-MOU u li jiġu osservati dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

L-istaff li se jkun qed jaħdem fuq it-Tribunal Lokali jkun biss dawk elenkati fl-istess MOU. L-Assistent prinċipal inkarigata mill-accounts tista' taħdem wara l-ħin tagħha biex tassisti f'dan ir-rigward u l-ħlas tas-salarju tagħha jkoprih il-Kunsill Reġjonali. L-ebda membru ieħor mill-istaff mhu se jkun qed jaħdem fuq xogħol relatat mat-Tribunal Lokali u jekk għal xi raġuni x-xogħol amministrattiv tat-Tribunal ma jintlaħaqx, se jkun qed jintalab aġġornament tas-seduti.

## 52.6 Inizjattiva Edukattiva Mmirata Lejn l-Istaff Amministrattiv tal-Kunsilli Lokali;

52.6.1 Il-President ressaq proposta għal skema ta' għajnuna finanzjarja lil dawk il-membri tal-istaff amministrattiv fil-Kunsilli Lokali li qegħdin fir-Reġjun u dawk li se jkunu qed jingħaqdu miegħu, sabiex jitħarrġu f'kors li jwassal għal Diploma in Public Management and Governance offrut minn Idea Academy. Dan it-taħriġ jingħata wkoll bi qbil mad-DLG u l-AKL. Il-President qal li l-Kunsill Reġjonali jista' jirrimborsa lura l-kumplament tal-ħlas li ma jiġix kopert minn skemi oħra biex l-applikanti ma jkunu qed joħorġu kważi xejn minn buthom. Hu qal li l-għajnuna lil kull applikant tista' twassal sa massimu ta' elf ewro. Il-fond għal din l-inizjattiva se jkun allokat mill-fondi ta' 20,000 ewro li kellu r-Reġjun fil-kont ta' riserva għal inizjattiva oħra u ma kinux ġew utilizzati.

52.6.2 Il-Membri preżenti approvaw b'mod unanimu din l-iskema ta' għajnuna.

## 52.7 Ħtieġa ta' Ingaġġ ta' Assistent Prinċipal mal-Kunsill Reġjonali;

52.7.1 Il-President qal li x-xogħol amministrattiv tal-Kunsill Reġjonali żdied għal diversi raġunijiet fosthom biż-żieda ta' responsabbilitajiet ġodda u l-introduzzjoni ta' uffiċjali professjonali. Qed nistennew li l-volum tax-xogħol jiżdied aktar, hekk kif tinħareġ is-sejħa għall-ġbir tal-iskart mill-Kunsill Reġjonali u tibda l-koordinazzjoni mal-Kunsilli Lokali fuq dan is-servizz. Għaldaqstant qed tinħass il-ħtieġa ta' ingaġġ ta' Assistent Prinċipal mal-Kunsill Reġjonali biex tassisti fix-xogħol amministrattiv. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti sabiex jibdew il-proċeduri mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għal dan l-ingaġġ.

52.7.2 Il-Membri preżenti unaniment approvaw it-talba tal-President.

## 52.8 Proposta mill-Kunsill Reġjonali għal Fondi mil-LESA għal Proġetti fil-Komunità;

52.8.1 Il-President irrefera għal din l-iskema ta' fondi maħruġa mill-Aġenzija LESA u fakkar li aktar kmieni din is-sena, l-Kunsill Reġjonali kien diġà ssottometta applikazzjoni li ma kintx ġiet

magħżula mal-ewwel grupp. L-applikazzjoni kienet tinkludi installar ta' pannelli solari fuq il-bini amministrattiv, roof garden fuq il-bini amministrattiv li jkun miftuħ għall-komunità fil-ħinijiet tal-uffiċċju, sistema għall-ħażna tal-ilma tax-xita u sistema ta' irrigazzjoni awtomatika. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti sabiex terġa' tiġi sottomessa l-istess applikazzjoni.

52.8.2 Il-Membri preżenti approvaw b'mod unanimu din il-proposta.

## 52.9 President's Solidarity Fun Run 2021;

52.9.1 Il-President semma' kif għal din is-sena, l-Eċċellenza Tiegħu Dr George Vella President ta' Malta qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsilli Lokali biex issir mixja żgħira f'kull lokalità li permezz tagħha jkunu jistgħu jinġabru donazzjonijiet għall-Malta Community Chest Fund. L-AKL u l-Kunsill Reġjonali se jkunu qed jgħinu wkoll sabiex ikun hemm aktar koordinazzjoni bejn il-partijiet kollha. Il-President talab għall-kontribut tal-Membri preżenti sabiex dan l-avveniment ikun ta' suċċess u qal li fil-jiem li ġejjin se jkunu qed jiġu kkuntattjati mill-istaff tal-Kunsill Reġjonali sabiex kull Kunsill Lokali jagħżel ir-rotta fil-lokalità tiegħu.

## 52.10 Ingaġġ ta' Uffiċjal tal-Komunità għat-Trattament Xieraq tal-Annimali;

52.10.1 Il-President ħabbar li wara li, aktar kmieni din is-sena, l-Kunsill Reġjonali applika għal skema ta' finanzjament mid-DLG għal ingaġġ ta' Uffiċjal tal-Komunità għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, ġejna infurmati li din it-talba ġiet milqugħa. Għaldaqstant, ġejna mitlubin sabiex nibdew il-proċeduri għall-ingaġġ ta' din il-persuna.

## 52.11 Aġġustamenti mitluba mill-Awdituri fir-Rapporti Finanzjarji 2020;

52.11.1 Il-President ressaq l-aġġustamenti għar-rapporti finanzjarji tal-2020 li ntbagħtu minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew kunsidrati bħala moqrija. Hu ta spjega tagħhom u qal li dawn l-aġġustamenti kienu dovuti l-aktar għall-mod kif kienu qed ikunu mdaħħla l-fondi minn skemi differenti li l-Kunsill Reġjonali kien alloka lill-Kunsilli Lokali matul is-snin u ma kinux ġew mitluba. Il-President semma' kif l-Awdituri talbu li jiġu riveduti wkoll ir-rapporti finanzjarji tat-tliet snin li għaddew rigward dawn il-fondi u qal li din il-ħaġa mhux se tkun qed issir għax tinvolvi ħafna xogħol u telf ta' ħin, li wara kollox mhux se jkunu qed ibiddlu xejn mill-performance tal-Kunsill Reġjonali. Għaldaqstant, dawk il-fondi li se jkunu għadhom pendenti sat-30 ta' Settembru 2021 se jiġu nulli u din is-sistema ta' allokazzjonijiet mhux se tibqa' tintuża aktar. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti biex jiġu sottomessi dawn l-aġġustamenti.

52.11.2 Il-Membri approvaw l-aġġustamenti fir-rapporti finanzjari 2020 b'mod unanimu.

## 52.12 Stedina lill-President tar-Reġjun mill-Ministru tal-Ekonomija f'Dubai;

52.12.1 Il-President ressaq stedina mibgħuta lilu mill-Ministru tal-Ekonomija ta' Dubai għall-Annual Investment Meeting bit-tema 'Investments in Sustainable Innovation for a Thriving Future' li se jsir bejn id-29 u l-31 ta' Marzu 2022 f'Dubai. Hu talab għall-approvazzjoni tal-Membri sabiex jaċċetta din l-istedina.

52.12.2 Il-Membri preżenti approvaw it-talba tal-President.

## 52.13 Affarijiet Oħra;

**- Quarterly Financial Report Jan-Jun 2021**

52.13.1 Il-President ressaq ir-rapport finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena 2021 li ntbagħat minn qabel u għaldaqstant ġie kkunsidrat bħala moqri. Hu ta spjega tiegħu u qal li l-Kunsill Reġjonali jinsab f'qagħda finanzjarja soda, kapaċi jilqa' għall-isfidi tal-ġejjieni u jista' jkompli jaħdem fuq il-proġetti li għandu ppjanati għaż-żmien li ġej biex ikun f'pożizzjoni li jagħti assistenza professjonali lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu. Il-President talab lill-Membri preżenti biex japprovaw il-Quarterly Financial Report Jan-Jun 2021.

52.13.2 Il-Membri preżenti approvaw il-Quarterly Financial Report Jan-Jun 2021 b'mod unanimu.

- **Ħlas lill-Uffiċjali Professjonali tal-Kunsill Reġjonali**

52.13.3 Il-President qal li hemm bżonn li jintlaħaq qbil fuq il-ħlas tal-Uffiċjali Professjonali tal-Kunsill Reġjonali. Dawn se jkunu qed jitħallsu b'salarju ta' skala 7 notch 7. Issa hemm bżonn li jiġi stabbilit il-ħlas għal xogħol li jsir wara l-ħin minn dawn l-uffiċjali.

52.13.4 Il-Membri preżenti ddiskutew dan il-punt u qablu li fejn hu possibbli, dawn l-uffiċjali għandhom jingħataw time-off għall-ħin li jqattgħu jaħdmu wara l-ħinijiet tax-xogħol. Fejn dan ma jkunx possibbli għandhom jitħallsu bir-rata ta' overtime ta' skala 10 notch 7.

**- Applikazzjoni għal fondi minn Transport Malta relatati mal-European Mobility Week**

52.13.5 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal din l-iskema u qal li wara li fl-aħħar laqgħa ġiet approvata l-proposta tal-Kunsill Reġjonali sabiex japplika għal din l-iskema fuq proġett pilota għar-reġjun, matul il-jiem li għaddew ġiet sottomessa l-applikazzjoni għal dan il-proġett. L-applikazzjoni issa trid tiġi evalwata mill-Bord tal-Għażla maħtur minn Transport Malta u d-deċiżjoni tittieħed fix-xhur li ġejjin.

**- Talbiet mill-Kunsilli Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ u Ħal Kirkop fuq skemi ta' fondi**

52.13.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq proposti mill-Kunsilli Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ u Ħal Kirkop biex jutilizzaw il-fondi pendenti tagħhom relatati ma' slow streets għal xogħlijiet ta' tisbiħ u manutenzjoni fil-lokalità.

52.13.7 Il-Membri preżenti approvaw il-proposti b'mod unanimu.

## 51.6 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

51.6.1 Il-laqgħa ntemmet fis-18.51 pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 07 ta' Ottubru 2021 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ______________________.

Jesmond Aquilina
President

Philip Carabott
Segretarju Eżekuttiv